# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 1551/92 JF**

**Adrian Busietta, bhala Managing Director tas-socjeta' "Muscat General Stores Limited", in rappresentaza tal-istess**

**vs**

**Marco Attard, bhala Managing Director tas-socjeta' "International Shoe Co. Ltd." In rappresentanza tal-istess**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"Premess illi b'citazzjoni numru 1574/84 fl-ismijiet "Joseph A. Attard nomine vs Adrian Busietta nomine' Attard kien talab il-kundanni ta' l-attur odjern ghall-hlas ta' Lm 2422.88,8, import ta'

kambjalijiet bl-interessi kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala ;

Premes li b'sentenza tat-18 ta' Marzu 1985, dini l-Qorti kienet laqghet it-talba, izda l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'sentenza tat-8 ta' April 1992, irrevokat dik is-sentenza w irrigettat id-domandi ta' Attard nomine ;

Premess li, in kawtela tal-pretensjoni ta' Attard, l-attur Busietta nomine kien iddepozita fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti s-somma ta' Lm 4775.58,5. Minnhom, il-konvenut kien zbanka fis-27 ta' Gunju 1987 is-somma ta' Lm 3074.18,9 filwaqt li l-attur zbanka l-bilanc ta' Lm 1701.29,6 fl-14 ta' Ottubru 1992 ;

Premess li, l-konvenut nomine qieghed ghalhekk jiddetjeni ingjustament, minghajr ebda kawza u raguni, s-somma ta' tlitt elef u erbgha u sebghin lira, tmintax-il centezmu u disa' millezmi (Lm 3074.18,9) appartenti lill-attur nomine, u b'dan il-mod qieghed jarrikkixxi ruhu a skapitu ta' l-attur nomine ;

Premess li l-agir tal-konvenut nomine kkawza dannu lill-attur nomine, konsistenti fin-nuqqas ta' uzu tas-somma depositata, fi spejjez gjudizzjarju u legali in konnessjoni ma' l-istess, u danni ohra li jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza ;

TALAB li din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija :-

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma imsemmija ta' Lm 3074.18.9.

2. Tiddikjara li l-konvenut nomine hu responsabbli ghad-danni li sofra l-attur nomine ;

3. Tillikwida l-istess danni ;

4. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine l-ammont hekk likwidat.

Bl-interessi kummercjali l-ammonti dovuti skond il-ligi u bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi t-talba attrici hija nfondata peress illi s-somma zbankata msemmija fic-citazzjoni giet zbankjata mis-socjeta' konvenuta mhux in kawtela tal-pretensjoni taghha imma wara azzjoni kambjarja li kienet spiccat wara li sentenza ta' din il-Qorti kienet ghaddiet in gudikat billi l-appell ta' l-attur nomine kien gie dikjarat dezert, Citazz. Nru : 1574/84 JH "Joseph Attard nomine vs Adrian Busietta nomine" dezerta fl-1 ta' Dicembru 1986.

2. Illi l-kambjalijiet li fuqhom kienet saret l-imsemmija kawza, kienu nhargu biex jizguraw il-hlas ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-attur nomine u dana jidher car mill-ammonti u riferenzi fuq kull kambjala li jikkombacu ezatt ma' dawk tal-fatturi li qed jigu esibiti u mmarkati Dokumenti "A1" sa "A12". Ghalhekk il-pagament ghalkemm apparentement maghmul ghall-kambjali esibiti fil-kawza precedenti fir-realta' sar ghall-prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-attur nomine;

3. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-pagament li sar bl-izbank imsemmi fic-citazzjoni sar minghajr ebda kawza u raguni imma sar ghall-prezz tal-merkanzija, ghalhekk id-domanda attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine."

**KONTRO-TALBA**

Il-konvenut nomine ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici biex ipprezenta s-segwenti talba kontra l-attur nomine :-

"Peress illi s-socjeta' konvenuta trid tipprevalixxi ruhha mic-citazzjoni ta' l-attur nomine sabiex taghmel kontro-talba, titlob bir-rispett :-

Illi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :-

Premess illi s-socjeta' konvenuta bejn it-18 ta' Jannar 1984 u d-29 ta' Mejju 1994 bieghhet u kkonsenjat lis-socjeta' attrici kwantita' ta' merkanzija konsistenti minn zraben ta' diversi ghamla, bil-prezz totali ta' Lm 2453.75,98, mil-liema prezz is-

socjeta' konvenuta kienet tat lis-socjeta' attrici darbtejn 'trade discount' wiehed ta' Lm 26.23,6 u l-iehor ta' Lm 4.63,6, kif jirrizulta mill-annessi 'invoices' u zewg 'credit notes' li qed jigu esibiti u mmarkati Dokumenti "A1" sa "A12", kif ukoll mill-kambjalijiet annessi ma' l-atti tal-kawza fl-ismijie "Joseph Attard nomine vs Adrian Busietta nomine" Citazz. Nru : 1574/84 JH, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' April 1992, li ghaliha qed issir riferenza ;

Premess illi ghalhekk is-socjeta' attrici kienet debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn tnejn u ghoxrin lira tmienja u tmenin centezmu u sitt millezmi (Lm 2422.55,6) prezz ta' l-imsemmija zraben wara li jinqata' t-'trade discount' imsemmi ;

Premess illi l-kambjalijiet esebiti mal-kawza fuq imsemmija kienu nhargu biex jikkawtelaw il-kreditu tas-socjeta' konvenuta ghall-prezz ta' zraben fuq imsemmi u ghalhekk ghalkemm mhux validi bhala kambjali huma prova ohra tal-kreditu li kellha s-socjeta' konvenuta kontra l-attur nomine ;

Premess illi l-pagament li sar lis-socjeta' konvenuta permezz ta' l-izbank tas-somma ta' Lm 3074.18,9 imsemmi fic-citazzjoni ghalkemm maghmul in forza ta' l-imsemmija kambjalijiet kien fir-rejalta' ghall-pagament tal-prezz ta' zraben u imghax fuq l-istess prezz dovut lis-socjeta' konvenuta, hlief ghas-somma zghira li tirrapprezenta spejjes giudizzjarji ;

TALAB li jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti :-

1. Illi l-attur nomine kien debitu tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm 2422.88,6 prezz ta' zraben lilu mibjugha u konsenjati kif jirrizulta mill-invoices esibiti Dokumenti "A1" sa "A9" u Dokument 11 oltre l-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sal-pagament effettiv ;
2. Illi l-kambjalijiet esibiti mac-citazzjoni numru 1574/84 JH fl-ismijiet "Joseph Attard nomine vs Adrian Busietta nomine" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' April 1992, ghalkemm invalidi kienu nhargu biex jikkawtelaw l-imsemmi kreditu tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk l-izbank li sar mis-socjeta' konvenuta fis-27 ta' Gunju 1987 mid-depozitu li kien sar fir-Registru ta' din il-Qorti jammonta ghal pagament validu tal-prezz fuq imsemmi tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-attur nomine u imghaxijiet fuq l-istess prezz.

Bl-ispejjez kontra l-attur nomine."

**ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA**

Mill-atti ma jirrizultax illi s-socjeta' attrici kkontestat il-kontro-talba tal-konvenut nomine u jirrizulta allura li baqghet f'dan ir-rigward kontumaci.

**DECIDE**

B'sentenza tat-22 ta' Gunju 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi fl-ewwel lok irrespingiet kemm il-kontro-talbiet tal-konvenut nomine kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu. Laqghet it-talbiet tal-attur, b'dan li bhala danni ddikjarat li dawn ghandhom jikkonsistu l-ispejjez gjudizzjarji minfuqin ghad-depozitu u l-izbank oltre l-interessi fuq l-ammont dovut skond l-ewwel talba mid-data li dan l-ammont gie zbankat mill-konvenut nomine sal-hlas effettiv tieghu. Il-kap tal-ispejjez kellu jithallas interament mill-konvenut nomine.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Ikkunsidrat li bhala fatti jirrizulta li l-konvenut nomine kien istitwixxa azzjoni kambjarja kontra s-socjeta' attrici riferibbilment ghal partiti zraben ikkonsenjati minnu u li taghhom allega li ma thallasx. In kawtela tal-pretensjoni tieghu fl-ammont ta' Lm2,422.88c6m, is-socjeta' konvenuta, dakinhar attrici, otteniet il-hrug ta' mandati kawtelatorji kontra l-odjern attur nomine. L-attur Busietta nomine fil-fatt jallega li kellu allura jiddepozita fil-

Qorti l-ammont komplessiv ta' Lm4,755.58c5 li minnhom, eventwalment, huwa rnexxielu jiehu lura, billi jizbanka, Lm1,701.39c6m mentri l-bqija ta' l-ammont, igifieri Lm3,074.18c9m, zbankahom "minghajr ebda kawza u raguni" u f;din il-kawza huwa talab ir-rifuzjoni tar-rimanenti bilanc. Din it-talba mhux biss qeghda tigi kkontestata mill-konvenut nomine per via ta' nota ta' eccezzjonijiet imma l-istess konvenut nomine ghamel talba rikonvenzjonali ta' natura deklaratorja biex jigi ddikjarat li effettivament hu tassew kien kreditur tas-socjeta' attrici u li kwindi l-izbank li sar minnhom fis-27 ta' Gunju 1987 mid-depozitu li kien sar fir-Registru kien jammonta ghal pagament validu tal-prezz fuq imsemmi tal-merkanzija mibjugha w kkonsenjata lill-attur nomine,oltre l-interessi fuq dana l-ammont.

Mill-provi jirrizulta li l-azzjoni kambjarja, deciza favur il-konvenut nomine fl-ewwel istanza giet revokata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fit-8 ta' April 1992.

Il-konvenut nomine jsostni li galadarba t-talba ghall-pagament li kien intenta permezz ta' l-azzjoni kambjarja inqatghet kontrih "a bazi ta' difetti fil-kambjalijiet" u billi huwa ghandu tutt'ora jsostni illi l-merkanzija fornita minnu lill-kontro-parti effettivament baqghet ma gietx imhallsa, tibqa' dejjem l-obbligazzjoni morali u l-kreditu tieghu ghadu dovut u li konsegwentement bl-ebda mod ma jista' jinghad illi l-izbank li huwa ghamel kien jammonta ghal indebitu u li t-talbiet attrici f'din il-kawza huma vjetati mil-ligi. Huwa ccita wkoll l-Artikoli 1021 u 1147 tal-Kodici Civili (Kap 16).

Illi jigi rilevat li minn naha l-ohra, l-attur nomine mhux biss baqa' ma wiegeb xejn ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine imma lanqas jidher mill-atti tal-kawza li ha l-istess procedura bid-debitu interes. Dana maghdud pero', xorta jibqa' l-punt ta' natura legali, dwar jekk il-konvenut nomine setax jipproponi mill-gdid it-talba tieghu biex jigi kkanonizzat kreditu ta' l-attur nomine, ankorke' mhux bil-forma ta' azzjoni kambjarja, meta l-ewwel kawza fil-meritu proposta minnu inqatghet kontra tieghu finalment u ghaddiet in gudikat. En passant, jigi hawn rilevat li l-kummenti tal-konvenut nomine kif riportati fil-kontro-risposta tieghu – ara kopja a fol. 45 – in konnessjoni ma' dawk il-proceduri fis-sens li dakihar saru rregolaritajiet "assurdi" (sic) quddiem il-Qorti ta' l-Appell huma kollha fiergha l-ghaliex, fic-cirkustanzi li jekk il-konvenut nomine deherlu li kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-ligi tal-procedura, huwa dejjem seta' agixxa bil-mezzi moghtija mil-ligi biex ihares l-interessi tieghu. Gara, minflok, li l-proceduri tkomplew u spiccaw b'ezitu sfavorevoli ghall-konvenut nomine, dakinhar fil-vesti ta' attur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti una volta li l-meritu gie deciz kontra l-konvenut nomine, dakinhar attur nomine, ma setax issa l-istess attur nomine ta' dakinhar jipproponi kontro-talba fuq l-istess meritu ghaliex dan il-meritu mhux biss illum huwa deciz imma ghadda in gudikat. Japplika imbaghad il-principju li "*selecta una via non datur recursers ad alteram*". Il-konvenut ghazel li jressaq u jiddeduci l-pretensjoni tieghu ta' kreditu fil-konfront ta' l-attur nomine permezz ta' l-"*actio cambiaria*" u din it-talba giet michuda. Ma jidher li saret l-ebda rizerva a favur tieghu mill-Qorti ta' l-Appell biex, okkorendo, huwa jkun jista' jirriproponi t-talba tieghu f'forma ohra. Mhuwiex permess jew lecitu fil-ligi li meritu li jghaddi in gudikat jigi ripropost ghal darb'ohra ghaliex altrimenti l-process gudizzjarju b'daqstant ikun qieghed jigi stultifikat u rez interminabbli jew ineffikaci.

Illi dwar it-talba attrici, tenut kont tas-suespost, jirrizulta ampjament li darba li l-konvenut nomine ma rnexxilux jottjeni sentenza favur tieghu ghal dak li ppretenda minghand l-attur nomine u l-attur nomine kkontestalu, allura l-istess attur nomine huwa pjenament intitolat li jizbanka l-ammont intier li huwa kien originarjament iddepozita. Dwar id-danni sofferti u mitlubin mill-attur nomine fit-tielet darba tieghu, dawn ma jistghux ikunu ghajr l-ispejjez tal-proceduri u l-interessi mitlufin fuq dan l-ammont mhux mittiehed minnu. Mill-bqija ma jirrizultaw ebda provi ohrajn dwar danni ohrajn.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tirrespingi kemm il-kontro-talbiet tal-konvenut nomine kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu ; tilqa' t-talbiet ta' l-attur b'dana li bhala danni tiddikjara li dawn ghandhom jikkonsistu fl-ispejjez gudizzjarji minfuqin ghad-depozitu u l-izbank oltre l-interessi fuq l-ammont dovut skond l-ewwel talba, mid-data li dan l-ammont gie zbankat mill-konvenut nomine sal-hlas effettiv tieghu.

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interemant mill-konvenut nomine ."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza. Appell li jinvesti l-mertu kollu u cioe' kemm mid-decizjoni fuq it-talba originali tal-attur

nomine kif ukoll mid-decizjoni fuq il-kontro-talba. Din il-Qorti wara ezami tal-process jidhrilha opportun li l-ewwel tiddibatti l-appell in kwantu jirrigwarda c-cahda mill-Ewwel Qorti tal-kontro-taba tal-konvenut nomine. Dan ghaliex jidher car li jekk tali talba tirrizulta fondata, din necessarjament twassal ghac-cahda tat-talba tal-attur nomine. Kien sewwa identifikat mill-appellat nomine fir-risposta tieghu' tal-appell b'mod mill-aktar sintetiku fir-rigward tal-kontro-talba li l-Ewwel Qorti rriteniet li kien hemm "l-ostakolu tal-gudikat". Hu biss dan l-aspett li din il-Qorti jinhtiegilha tinvesti ghax altrimenti xejn mill-premessi dedotti mill-konvenut nomine ghall-kontro-talba tieghu ma jirrizulta kontestat almenu fattwalment mill-attur nomine. Hu saput illi biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' les gjudikata kellhom jikkonkorru dawn it-tlett elementi :-

1. L-istess partijiet – eadem persona

2. L-istess oggett – eadem res, u

3. L-istess kawzali – eadem causa petendi.

Issa fil-kaz taht ezami filwaqt li m'hemmx dubju illi l-partijiet fil-kawza huma identici ghaz-zewg proceduri, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-oggett mertu tal-kawza u tal-kawzali premessa ghal tali talba.

Isir accenn qabel xejn ghas-segwenti tghalim gjurisprudenzjali rilevanti:-

“U l-gjudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta’ dak li gie diskuss espressement imma anki ta’ dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tidduskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha. Il-gjudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita’ ta’ motivi tal-causa petendi” (Volume XXXIV part (i) h 74). “Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gjudikat anki meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta’ qabel jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess u hemm gjudikat mplicitu meta d-decizjoni tkun konsegwenza necessarja tad-disposizzjoni espressa ghax il-volonta’ tal-gjudikant tista’ tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza” (Volume XXXVI part (i) page 75). ‘Hu pacifiku li l-gjudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li l-mertu ghall-azzjoni kien messha jew setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess” (Antonio Magri vs Emanuela Dingli deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ April 1953). “Ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga’ jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-istess decizjoni precedenti billi jgib ‘il quddiem ragunijiet u provi li kien jaf bihom u li seta o messu igib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma jaghmilx hekk, imputet sibi u l-imsemmija sentenza ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-gemb ghar-ragunijiet prezistenti ghal kull azzjoni taghha, allegati serotinament” (Volume XLB part (i) page 555).

Dana apparti, “Hu pacifiku li l-gjudikat johrog mid-dispozittiv tas-sentenza”. Hu veru li kif ghallmet din il-Qorti bi-sentenza “Farrugia Ray vs Farrugia” (Volume XX 1B part (i) page 57) biex jigi interpretat tajjeb id-dispozittiv, jixraq li jigi raffrontat mal-motivazzjoni li hu wkoll parti mid-decizjoni, ghad li minnha ma johrogx gjudikat, kif hu wkoll veru illi t-termini generici tad-dispozittiv jistghu jigu ristretti mill-parti konsiderattiva tas-sentenza. (Volume XXB part (i) page 149). ‘Il dispozittiva tal-giudicato non deve prendersi seperatamente dal motivato ma deve da questo essere definito e spiegato’ (Vincenti vs Ebejer appell civili 27 ta’ Novembru 1937), (Nazzareno Parnis vs Helen Parnis et deciza mill-Prim’Awla 30 ta’ Novembru 1998).

Finalment sewwa jigi ribadit dak li hu ormai pacifiku u cioe’ illi l-“exceptio iudicati” ghandha bhala fundament taghha interess pubbliku u hija ta’ interpretazzjoni strettissima u f’kaz ta’ dubju il-gjudikant ghandu jaqta’ kontra din l-eccezzjoni” (Volume XXIX part (i) page 1155).

Fid-dawl ta’ dan l-insenjement din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet li iwassluha biex tilqa’ l-appell tal-konvenut nomine :-

(1) L--ewwel konsiderazzjoni tirrigwarda n-natura tal-azzjoni kambjarja proposta mill-konvenut nomine kontra l-attur nomine, deciza finalment bis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ April 1992, li skond l-appellat nomine tikkostitwixxi gjudikat u ostakolu ghall-prosegwiment

tal-kontro-talba. Mhux eskluz illi l-mertu ta' dik l-azzjoni kambjarja origina mill-istess negozju illi eventwslment ta lok ghall-prezenti istanza. Ma jistax ikun hemm dubju pero' illi "l-azzjoni kambjarja hija azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat t'azzjoni simili – salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli rejali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor – huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-trajent u t-trattarju <u>kif emergenti mill-wicc fil-kambjali stess</u>" (Aldo Vella nomine vs Vincent Lofaro proprio et nomine deciza fil-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977). "Bhala firmatarju ta' kambjala, l-konvenut dahal f'obbligazzjoni ta' natura partikulari ghaliex hija wahda indipendenti mill-causa obbligiationis. Il-posizzjoni dwar il-kambjala hija dik kummentata mill-Professur Felice Cremona (ara n-noti tieghu f'pages 477 et sec) li jsegwi d-duttrina legali bhala dik insenjata mill-Vivante u jghid li "*The moment a person signs the bill of exchange whether as drawee endorser or as giver of an aval or otherwise <u>the obligation arising from that signature is considered complete in itself</u>. <u>It acquires a judical existance which is considered separate, distinct and indipendent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned.</u> The law identifies the obligation created or evidenced by the bill with the signature placed thereon.* (Rita Azzopardi nomine vs Raymond Camilleri deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Awissu 1994).

Tant hija awonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat minn negozju li ta lok ghall-hrug taghha, li l-ligi stess,

tirrestringi l-eccezzjonijiet li setghu jinghataw f'azzjoni ghall-pagament taghha. L-Artikolu 198 tal-Kodici ta' Kummerc jipprovdi illi setghu biss jinghataw azzjoni kambjarja :-

1. L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-possessur tal-kambjala li ma jistghux idewmu l-hlas taghha jekk ma jkunux dwar krediti likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

2. Li jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jintiegu ezami fit-tul is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha u sadanittant il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala bil-garanzija jew minghajrha, skond kif jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma."

Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (Volume XXX part iii page 499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u m'ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghall-hrug taghha. Il-ligi stess, proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija tal-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghall-verifika u

kontestazzjoni, anki wara li tkun giet determinata l-azzjoni kambjarja u anki wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-esekuzzjoni ta' sentenza fuqha motghija.

L-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc precitat infatti necessarjament jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw min-negozju li ta lok ghall-hrug tal-kambjala u li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati. Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali. Dan johrog ferm car proprju mill-motivazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' April 1992, li biha giet rigettata talba tal-appellant nomine odjern kontra s-socjeta' appellata proprju ghall-hlas tal-kambjali in kwistjoni.

Din il-Qorti hekk ikkunsidrat, "Fil-mertu tal-vertenza, huwa minnu li ebda wiehed milli hekk imsejha "kambjali" mahruga mis-socjeta' attrici m'ghandhom fuqhom il-firma ta' min harighom jigifieri tal-International Shoe Company Limited ta' A20, Marsa Industrial Estate". Issa skond l-Artikolu 123 Kap 13, kull kambjala ghandu jkun fiha l-elementi formali hemm elenkati u finalment "ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha". Ghalhekk l-azzjoni kambjarja ezercitata mis-socjeta' attrici (konvenuta f'din l-istanza), ma setghats issir billi d-dokumenti ezebiti bhala "kambjaliet" guridikament ma jikkwalifikawx bhala tali u ghalhekk m'hemmx l-azzjoni. Lanqas m'huwa possibbli li l-kawza titkompla mod

iehor ghaliex ic-citazzjoni ma tikkontjeni ebda kawzali ohra hlief dik tal-kambjaliet".

Minn din il-motivazzjoni ghandu jinftiehem :-

(a) Li l-Qorti kienet tissokta bis-smiegh tal-kawza li kieku kienet tirrizulta kawzali li kienet tikkontesta n-negozju li kien taha origini ghall-istess kambjali inficjati. Dan ukoll fi skorta ta' gjurisprudenza stabbilita.

(b) Li s-sentenza tat-8 ta' April 1992 effettivament iddecidiet fuq il-validita' tal-kambjali u jekk id-dokumenti li fuqhom saret l-azzjoni setghux jigu gjuridikament konsidrati bhala tali.

Hi allura sentenza li tinvesti biss il-forma tal-kambjali u li bl-ebda mod ma tinvesti n-negozju jew ir-raguni ghaliex gew emessi. Mhux biss l-oggett tal-gjudikat kien differenti minn dak tal-prezenti istanza, mhux biss il-punt kontrovers f'din l-istanza ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak dibattut u deciz fl-azzjoni kambjarja, imma l-oggett tal-kawza kien toto coelo differenti :- fl-azzjoni kambjarja klenet manifestament id-domanda ghal hlas tal-import tal-kambjala kif irrizulta formalment mill-wicc taghha indipendentement minn negozju ; fil-prezenti istanza kien in-negozju innifsu li kien qed jigi kontestat fil-kontro-talba tal-konvenut nomine u dan indipendentement mil-kambjalijiet li, fl-ahhar mill-ahhar, b'sentenza ta' din il-Qorti gew dikjarati li ma kienu kambjalijiet xejn.

Ghandu jkun aktar minn car u ovvju illi una volta l-Qorti tkun iddegretat li ma kienux jezistu l-kambjalijiet ghall-fini tal-ligi billi dawn kienu irritwali ghax difettuzi fil-forma kellha f'kull kaz tinsorgi l-obbligazzjoni originali li temergi mir-relazzjoni kontrattwali li, kif inghad, kellha ezistenza indipendenti u awtonoma mill-azzjoni kambjarja maghha konnessa. Il-causa petendi fil-kontro-talba kienet allura manifestement diversa mil-causa petendi fl-azzjoni kambjarja. Eccezzjoni ta' res judicata ma kienitx allura sostenibbili u l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata li jsostnu diversament kellhom jigu skartati.

Konsegwenza ta' dan, din il-Qorti kellha tasal necessarjament ghall-konkluzjoni illi ma kienx hemm ostakolu gjuridiku ghall-konsiderazzjoni tal-kontro-talba bhala azzjoni separata u distinta mill-azzjoni kambjarja u li ma kien hemm xejn x'josta lil din il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut nomine una volta tali meritu qatt ma kien gie kunsidrat u deciz f'sentenza ohra.

Stabbilit ukoll illi l-attur nomine jirrizulta li baqa' kontumaci fir-rigward tal-kontro-talba, kunsidrat li l-istess attur nomine bl-ebda mod ma kkontesta dik it-talba, li tirrizulta wkoll adegwatament provata mill-provi prodotti mill-istess konvenut nomine, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tikkunsidra li l-kontra-talba kienet giet pruvata mis-socjeta' konvenuta. Dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni illi t-talba tal-

attur nomine kif dedotta fl-att tac-citazzjoni ma setghetx tigi milqugha in kwantu hu issa definittivament stabbilit illi s-socjeta' konvenuta gjustament iddetjeniet l-ammont minn ghandha reklamat fil-kontro-talba, liema ammont l-attur nomine kien qieghed ingjustament jitlob ir-rifuzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur nomine kif dedotti fl-att tac-citazzjoni u tilqa' t-talbiet tal-konvenut nomine kif dedotti fil-kontro-talba.  L-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

Dep/Reg

mg